MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1320/2010

**John Fitz u Thomas Smith Insurance Agency Ltd u GasanMamo Insurance Ltd[1]**

**Vs**

**Emma Mattei u b'digriet tal-24 ta' Ottubru 2011 Atlas Insurance PCC Limited interveniet fil-kawza**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-21 ta' Dicembru 2010 l-attur ippremetta u talab:-

[1] Ara nota tat-8 ta' Gunju 2011 (fol. 23) u l-ftehim tas-17 ta' Mejju 2011 (fol. 70-71).

1. *Illi fit 18 ta' Settembru 2010 gewwa Triq il-Kapuccini, Floriana sehh incident tat-traffiku li fih il-vettura numru EBL 376 misjuqa mill-intimata Emma Mattei, naqset milli tieqaf fuq Stop Sign bir-risultat illi hija habtet mall-vettura numru HGY 030 propjieta tar-Rikorrenti li dak il-hin kienet qed tinsaq regolarment minn Eleno Zarb;*
2. *Illi bhala konsegwenza tal-impatt bejn iz-zewg vetturi, l-vettura tar-Rikorrenti garbet hsarat konsiderevoli, tant illi spiccat beyond economical repair;*
3. *Illi ghal dan l-incident tahti biss l-intimata, Emma Mattei imhabba sewqan traskurat u negligenti u nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-Traffiku;*
4. *Illi b' rizultat ta' dan l-istess incident l-esponenti sofra danni konsiderevoli billi fost affarijiet ohra l-vettura numru HGY 030 propjieta tieghu garbet hsarat kbar, li waslu biex din il-vettura tigi dikjarata beyond economincal repair u dan kollu kif sejjer jigi ampjament provat waqt is-smiegh tal-kawza; oltre dan l-attur qed jsofri spejjes relatati ma' loss of use u garaging expenses;*
5. *Illi l-intimata ghalkemm interpellata, anki tramite l-assikurazzjoni taghha, sabiex taddivvjeni ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqghet inadempjenti;*
6. *Illi dawn il-fatti huma maghrufa personalment lill-esponenti;*
7. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex*:

1. *Tiddikjara il-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u d-danni relattivi minhabba traskuragni u negligenza kif premess;*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti okkorrendo permezz ta' periti nominandi jekk ikun il-kaz; u*
3. *Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni flimkien mall-imghaxijet legali mid-data tan-notifika ta' Ittra Ufficjali tat 18 ta' Novembru 2010.*

*Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 18 ta' Novembrul 2010, u ta' Ittra Ufficjali ohra ipprezentata kontestwalment mall-prezenti kontra l-assikurazzjoni tal-intimata, kontra l-intimata li tibqa minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fit-30 ta' Gunju 2011 (fol. 26), il-konvenuta Emma Mattei qalet:-

1. *Illi l-konvenuta u s-socjeta` assiguratrici Atlas Insurance PCC Limited [C-5601] (li kienet l-assiguratrici tal-vettura EBL 376 misjuqa mill-istess konvenuta) kienu accettaw u ammettew mal-ewwel illi l-incident awtomobilistiku tat-18 ta' Settembru 2010 fi Triq il-Kapuccini, Floriana, bejn il-vettura bin-numru EBL 376 misjuqa mill-istess konvenuta u l-vettura bin-numru HGY 030 misjuqa minn Eleno Zarb, kien sehh b'tort tal-konvenuta;*

2. *Illi konsegwentement, il-konvenuta u s-socjeta` assiguratrici taghha Atlas Insurance PCC Limited kienu qabbdu surveyor ikkwalifikat sabiex jaghmel stima tal-hsarat u tad-danni inkorsi mill-attur konsegwenza tal-imsemmi incident tat-18 ta' Settembru 2010 u kienu dahhlu fi trattativi mal-attur sabiex jillikwidaw u jhallsu d-danni sofferti minnu konsegwenza tal-fuq imsemmi incident;*
3. *Illi l-imsemmi surveyor kien sab u iddikjara illi konsegwenza tal-fuq imsemmi incident, il-vettura bin-numru HGY 030 propjeta` tal-attur, li kienet vettura kummercjali, kienet beyond economical repair;*
4. *Illi meta l-esperti hadu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif titlob il-ligi, inkluz, izda mhux limitatament, il-market value tal-vettura kummercjali HGY 030 fid-data tal-incident u l-prezz mitlub minn terzi ghall-vetturi tal-istess ghamla u sena li kienu ghall-bejgh fis-suq, gew stabbiliti d-danni realment inkorsi mill-attur konsegwenza tal-fuq imsemmi incident u bhala hlas ta' dawn id-danni, l-konvenuta u s-socjeta` assiguratrici taghha Atlas Insurance PCC Limited kienu offrew lill-attur is-somma ta' tmien t'elef Euro (€8,000), bl-attur izomm ukoll il-wreck tal-vettura propjeta` tieghu (liema wreck kellha valur ta' madwar elfejn Euro (€2,000)), in sodisfazzjon (full and final settlement) tal-pretensjonijiet kollha tieghu kontrihom rizultanti mill-fuq imsemmi incident;*
5. *Illi l-attur ma riedx jaċċetta din l-offerta mingħajr ġusta kawza;*
6. *Illi konsegwentement il-konvenuta u s-socjeta` assiguratrici taghha Atlas Insurance PCC Limited kienu iddepozitaw is-somma ta' €8000 il-Qorti, permezz tac-cedola ta' depozitu numru 265/2011 (li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. EM01") sabiex din is-somma depożitata tiġi liberament mogħtija lill-attur (li kellu jzomm ukoll ir-wreck tal-vettura) in sodisfazzjon tal-pretensjonijiet kollha tieghu kontra l-konvenuta (jew is-socjeta` assiguratrici taghha) rizultanti mill-fuq imsemmi incident u sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom (inkluz, izda mhux limitatament, li ma jiddekkorix l-imghax kontrihom) u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*
7. *Illi l-attur ma zbankax il-fuq imsemmija somma ta' €8,000 (bl-attur izomm ukoll il-wreck tal-vettura tieghu) u minflok istitwixxa dawn il-proceduri;*
8. *Illi di' piu` l-attur kien intavola din il-kawza waqt li kienu ghadhom ghaddejjin in-negozjati u t-trattativi bejn il-partijiet u b'hekk il-kawza sart b'mod intempestiv;*
9. *Illi in vista tas-suespost kollu, id-danni sofferti mill-attur ghandhom jigu likwidati f'somma li ma teccedix it-tmien t'elef Euro (€8,000), bl-attur izomm ukoll il-wreck tal-vettura tieghu, liema somma tista` tigi liberament zbankata mill-attur;*
10. *Illi in vista tas-suespost kollu din l-Onorabli Qorti ghandha wkoll tichad it-talba tal-attur ghall-ispejjez u ghall-imghax u l-konvenuta (u s-socjeta` assiguratrici taghha Atlas Insurance PCC Limited) m'ghandha tigi ikkundannata thallas l-ebda spejjez u l-ebda imghax;*

11. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespsost, l-attur irid igib prova tad-danni realment subiti u inkorsi minnu;*

Permezz ta' risposta prezentata fis-7 ta' Novembru 2011, l-intervenuta fil-kawza s-socjeta' Atlas Insurance PCC Limited [C-5601] ippremettiet u talbet:-

1. *Illi l-konvenuta Emma Mattei u s-socjeta` assiguratrici Atlas Insurance PCC Limited (li kienet l-assiguratrici tal-vettura EBL 376 misjuqa mill-istess Emma Mattei) kienu accettaw u ammettew mal-ewwel illi l-incident awtomobilistiku tat-18 ta' Settembru 2010 fi Triq il-Kapuccini, Floriana, bejn il-vettura bin-numru EBL 376 misjuqa mill-konvenuta Mattei u l-vettura bin-numru HGY 030 misjuqa minn Eleno Zarb, kien sehh b'tort tal-konvenuta Mattei;*
2. *Illi konsegwentement, il-konvenuta Emma Mattei u s-socjeta` assiguratrici taghha l-esponenti Atlas Insurance PCC Limited kienu qabbdu surveyor ikkwalifikat sabiex jaghmel stima tal-hsarat u tad-danni inkorsi mill-attur konsegwenza tal-imsemmi incident tat-18 ta' Settembru 2010 u kienu dahhlu fi trattativi mal-attur sabiex jillikwidaw u jhallsu d-danni sofferti minnu konsegwenza tal-fuq imsemmi incident;*
3. *Illi l-imsemmi surveyor kien sab u iddikjara illi konsegwenza tal-fuq imsemmi incident, il-vettura bin-numru HGY 030 propjeta` tal-attur, li kienet vettura kummercjali, kienet beyond economical repair;*
4. *Illi meta l-esperti hadu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif titlob il-ligi, inkluz, izda mhux limitatament, il-market value tal-vettura kummercjali HGY 030 fid-data tal-incident u l-prezz mitlub minn terzi ghall-vetturi tal-istess ghamla u sena li kienu ghall-bejgh fis-suq, gew stabbiliti d-danni realment inkorsi mill-attur konsegwenza tal-fuq imsemmi incident u bhala hlas ta' dawn id-danni, l-konvenuta Mattei u s-socjeta` assiguratrici taghha l-esponenti Atlas Insurance PCC Limited kienu offrew lill-attur is-somma ta' tmien t'elef Euro (€8,000), bl-attur izomm ukoll il-wreck tal-vettura propjeta` tieghu (liema wreck kellha valur ta' madwar elfejn Euro (€2,000)), in sodisfazzjon (full and final settlement) tal-pretensjonijiet kollha tieghu kontrihom rizultanti mill-fuq imsemmi incident;*
5. *Illi l-attur ma riedx jaċċetta din l-offerta mingħajr ġusta kawza;*
6. *Illi konsegwentement il-konvenuta Mattei u s-socjeta` assiguratrici taghha l-esponenti Atlas Insurance PCC Limited kienu iddepozitaw is-somma ta' €8,000 il-Qorti, permezz tac-cedola ta' depozitu numru 265/2011 (li kopja taghha giet annessa mar-risposra guramentata tal-konvenuta Emma Mattei u mmarkata bhala "Dok. EM01") sabiex din is-somma depożitata tiġi liberament mogħtija lill-attur (li kellu jzomm ukoll ir-wreck tal-vettura) in sodisfazzjon tal-pretensjonijiet kollha tieghu kontra l-konvenuta u kontra l-esponenti socjeta` assiguratrici, rizultanti mill-fuq imsemmi incident u sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom (inkluz, izda mhux limitatament, li ma jiddekkorix l-imghax kontrihom) u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*
7. *Illi l-attur ma zbankax il-fuq imsemmija somma ta' €8,000 (bl-attur izomm ukoll il-wreck tal-vettura tieghu) u minflok istitwixxa dawn il-proceduri;*

8. *Illi di' piu` l-attur kien intavola din il-kawza waqt li kienu ghadhom ghaddejjin in-negozjati u t-trattativi bejnu u bejn il-konvenuta u s-socjeta` Atlas Insurance PCC Limited u b'hekk il-kawza giet intavolata b'mod intempestiv;*
9. *Illi in vista tas-suespost kollu, id-danni sofferti mill-attur ghandhom jigu likwidati f'somma li ma teccedix it-tmien t'elef Euro (€8,000), bl-attur izomm ukoll il-wreck tal-vettura tieghu, liema somma tista` tigi liberament zbankata mill-attur;*
10. *Illi in vista tas-suespost kollu din l-Onorabli Qorti ghandha wkoll tichad it-talba tal-attur ghall-ispejjez u ghall-imghax u l-konvenuta u s-socjeta` assiguratrici taghha Atlas Insurance PCC Limited m'ghandhom jigu ikkundannati jhallsu l-ebda spejjez u l-ebda imghax;*
11. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespsost, l-attur irid igib prova tad-danni realment subiti u inkorsi minnu;*

**Kwistjoni**.

Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fit-18 ta' Settembru 2010 bejn vetturi numru EBL 376 misjuqa mill-konvenuta u HGY 030 proprjeta tal-attur, li kienet qeghda tinstaq minn Eleno Zarb. Il-konvenuta ammettiet ir-responsabbilta ghall-incident. Il-vettura garrbet hafna hsara u m'hemmx kontestazzjoni li spiccat *beyond economical repair*.

Il-kwistjoni hi limitata ghad-danni li jippretendu l-atturi. Mill-provi rrizulta kif fis-17 ta' Mejju 2011 l-attur kien wasal fi ftehim ma' Thomas Smith Insurance Agency Limited li bih ircieva l-hlas ta' €12,000 u zamm il-fdalijiet tal-vettura (stmati €2,000) [fol. 70][2].

**Konsiderazzjonijiet**.

Il-pretensjoni tad-danni tirrelata ghal:-

**1. Valur tal-vettura HGY 030 meta sehh l-incident**.

L-atturi jsostnu li l-*pre-accident value* tal-vettura (Peugeot 607 tas-sena 2003) kien ta' €14,000. Fil-mori l-kumpannija assiguratrici tal-vettura hallset lil Fitz is-somma ta' €12,000. Il-kumpannija intervenuta fil-kawza tat stima ta' €10,000. Il-fdalijiet tal-vettura zammhom Fitz u zewg partijiet taw stima ta' €2,000.

---

[2] Fil-kuntratt jinghad li l-assikurazzjoni giet surrogata fid-drittijiet ta' Fitz, b'dan li dan *"…. Shall in no way prejudice the claims brought forward by the insured in respect of lucrum cessans, loss of profits and other heads of damages being claimed by the insured against the torfeasor; and therefore the insured shall continue as plaintiff in respect of those heads of damages jointly with the insurer"* (fol. 71).

Is-surveror Joseph Muscat, inkarigat minn Thomas Smith, ta stima ta’ €14,000 ghal dak li hu l-*pre-accident value* tal-vettura (fol. 57). Jirrizulta li fid-data tal-incident il-vettura kienet assigurata ghal €18,000 (Dok. MZ1 a fol. 59).

Il-qorti tosserva:-

- Hu evidenti li l-istima li ghamel kull surveyor hi bazata fuq *guide book* li johrog minn zmien ghal zmien ghall-uzu ta’ kumpanniji ta’ assikurazzjoni. Ghalhekk il-qorti ma tifhimx kif il-kumpanniji attrici jippretendu li l-*guide book* m’huwiex rilevanti (ara nota ta’ sottomissjonijiet).
- F’email datata 21 ta’ Ottubru 2010 id-difensur tal-attur kien talab il-hlas ta’ €20,300. Talba li saret *"….according to the Insurance Guide Book issued in December 2009 (this is the last one available) my client’s vehicle is valued at €20,300"* (ittra legali a fol. 123).
- Is-*survey report* ta’ Joseph Muscat (datat 3 ta’ Dicembru 2010) hu bazat fuq *guide book* b’valuri sa April 2009 (fol. 58). L-incident sehh fit-18 ta’ Settembru 2010. Muscat xehed li: *"Irreferejt ghall-guide book tal-insurance tat-2009 ghax tat-2010 kien ghadu ma harigx"* (fol. 54B). Mela hu evidenti li l-istima li ta Muscat ma kenitx tirrifletti l-valur tal-vettura fid-data tal-incident, gialadarba hu ghazel li jibbaza l-istima fuq il-guide book li kien japplika ghall-valur iktar minn sena qabel sehh l-incident.
- Is-survey report ta’ Peter Bonnici hu bazat fuq guide book b’valuri sa Ottubru 2010 (fol. 116) u ta stima ta’ €10,200 ghall-vettura. Stima li tapplika ghall-vettura 607 HDI 2.2 (fol. 116) li ghandha *engine capacity* ta’ 2179cc filwaqt li l-vettura HGY 030 ghandha *engine capacity* ta’ 1997 cc (ara certifikat tal-polza ta’ assikurazzjoni a fol. 59), li hu nqas. Skond il-guide book li kien jaghti l-valur ta’ vetturi ghal Ottubru 2010, il-valur ta’ Peugeot 607 HD110, cjoe’ li hi l-vettura b’magna bhal dik li kellha l-vettura ta’ Fitz, kien ta’ €8,800 (ara Dok. PB1 a fol. 116). Dan ifisser li l-hlas offrut kien iktar minn dak li jissemma fil-*guide book*. Dan apparti li jidher li l-istima saret a bazi ta’ valur ta’ vettura li mhux tintuza ghall-kummerc. Joseph Cortis xehed: *"…. hemm differenza fir-registrazzjoni tal-karozza meta tinxtara minghand l-Agent. Jekk hija l-vettura li ha tuzaha ghall-uzu kummercjali ser tithallas inqa. Ir-registrazzjoni hija inqas milli kieku wahda privata"* (fol. 106). Fil-kaz in ezami jidher li l-vettura kienet tintuza ghall-kiri.
- Ghalkemm fil-polza li tkopri l-perjodu 1 ta’ Settembru 2010 sal-31 ta’ Awissu 2011 il-valur gie ddikjarat bhala €18,000 (fol. 59), mill-istess dokument jirrizulta li dak hu valur moghti mill-assigurat u ghalhekk il-qorti ma tistax tistrieh fuqu. ‘Il fatt li l-assigurat iddikjara valur ta’ €17,000 ma jfissirx li

l-vettura kellha dak il-valur[3].

Fic-cirkostanzi l-qorti ser taddotta l-istima tas-surveyor Patrick Bonnici.

2.**Telf ta' uzu tal-vettura u kiri ta' garaxx**.

Mid-dokument a fol. 73 jidher li l-attur Fitz jippretendi wkoll hlas ta':

- €1,785 ghall-kiri ta' garaxx. Jidher li l-attur jippretendi hlas ghal 255 gurnata[4].
- €6,375 ghall-kiri ta' vettura ghall-perjodu ta' 255 gurnata.

Total ta' **tmint elef mija u sittin ewro (€8,160)**.

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

(a) Ma tressqitx prova sodisfacenti li turi li l-attur ghamel l-ispejjez li jallega fir-rigward ta' kiri ta' garaxx. Dan apparti li s-surveyor Bonnici xehed li meta f'Settembru 2010 mar jara l-vettura: *"Il-karozza kienet mixhuta go qisha ghalqa. Kienet qisha building site, jekk m'inhiex sejjer zball ma' genb l-ufficcju ta' sidha, sid il-karozza"* (fol. 94). Xhieda li qatt ma giet kontradetta. Ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi li l-qorti temmnu li kien qieghed jikri garaxx biex fih izomm vettura *beyond economical repair*. Inoltre ma kien hemm xejn li jzommu li minnufih jiddisponi mill-vettura wara li giet spezzjonata mis-surveyor Peter Bonnici;

(b) Jirrizulta li lejn l-ahhar ta' Ottubru 2010 Atlas Insurance PCC Limited kienet diga' offriet is-somma ta' €8,000 u Fitz izomm il-fdalijiet tal-vettura (valur ta' €2,000) [ara skambju ta' emails (fol. 122-123)]. Hu evidenti li Fitz m'accettax.

(c) M'hemmx dubju li hemm element ta' telf ta' uzu, fis-sens li fuq bazi ta' probabilita' ma kienx possibbli li minnufih Fitz ikollu l-uzu ta' vettura alternattiva li hi tieghu. Il-qorti temmen li f'dawk ic-cirkostanzi hu kredibbli li kien kera vettura alternattiva iktar u iktar meta tqies li l-vettura kienet tinkera. Il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tiffissa perjodu ta' 30 gurnata sabiex Fitz jakkwista vettura ohra, bir-rata ta' €21.19[5] ghal kull gurnata. Dan ifisser

---

[3] Dan inghad ghaliex fis-seduta tat-22 ta' April 2013 Fitz xehed: *"Qed nigi mistoqsi barra dawn it-12,000 Euro li tawni Thomas Smith Insurance jiena x'danni qed nitlob, nispjega illi jiena ghadni qed nitlob l-ammont ta' €5,000 Euro li jigu d-differenza ta' 17,000 minus it-12,000 Euro li gejt offrut"* (fol. 69B).

[4] Fitz xehed li biegh il-vettura 255 gurnata wara l-incident (fol. 85).

[5] Cifra li jippretendi l-attur u li l-qorti tqies li hi konservattiva.

hlas ta' **sitt mija u hamsa u tletin ewro u sebghin centezmu (€635.70)**. Il-qorti hi tal-fehma li l-pretensjoni ta' Fitz li jithallas ghall-kiri ta' vettura ghall-perjodu ta' 255 gurnata:-

- hi eccessiva. 255 gurnata jfissru mal-erba' xhur;
- m'hijiex sorretta minn provi sodisfacenti;

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici b'dan li:-**

1. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' tmint elef sitt mija u hamsa u tletin ewro u sebghin centezmu (€8,635.70).**
2. **Tikkudanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tmint elef sitt mija u hamsa u tletin ewro u sebghin centezmu (€8,635.70) bl-imghax mil-lum**.

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 66% a karigu tal-atturi u 34% a karigu tal-konvenuta gialadarba hu evidenti li l-pretensjoni tal-atturi kienet eccessiva**. **Ovvjament jekk Atlas ghamlet xi spejjez b'riferenza ghat-twegiba guramentata li pprezentat, ghandha taghmel tajjeb ghalihom gialadarba m'hijiex konvenuta**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------